**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 25 ta` Settembru, 2018**

**Talba Nru: 280/2017PA**

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Carmela Axiaq**

**vs**

**Carlo Sciberras fil-vesti tiegħu ta` Segretarju Ġenerali tas-soċjeta` Santa Marija u Banda Gorg V**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-15 ta` Ġunju 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta` elf, ħames mija, erbgħa u ħamsin Ewro, tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,554.83ċ) rappreżentanti d-danni kollha sofferti minn Carmela Axiaq, assikurata tagħha, u li għalihom għamlet tajjeb l-istess soċjeta` attriċi bħala indennizz favur l-istess assikurata, wara inċident li seħħ fl-14 ta` Awissu 2016 fil-pjazza tal-knisja tal-Imqabba meta, waqt li l-assikurata Carmela Axiaq kellha l-vettura bin-numru ta` reġistrazzjoni GBL 301, appartenenti lilha, pparkjata fl-imsemmija pjazza, kien hemm bandalora tal-festa li kienet qed tistrieħ fuq l-istess vettura, liema bandlora kienet tappartjeni lill-każin ta` Santa Marija, bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta` Frar 2017, u bl-imgħax legali b'effett mill-14 ta` Frar 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra d-dokument anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja fotostatika tar-rapport tal-okkorrenza miżmum mill-uffiċjali tal-pulizija fl-Għassa taż-Żurrieq (Dok. A, fol. 4 sa 6).

Ra r-Risposta tal-konvenut nomine li permezz tagħha eċċepixxa li t-talba għandha tiġi miċħuda billi (i) kwalunkwe danni allegatament subiti seħħew tort unikament ta` Carmela Axiaq billi daħlet tipparkja l-vettura fil-pjazza tal-imqabba lejlet il-festa ta` Santa Marija f'żona ristretta meta l-istess pjazza kienet magħluqa għat-traffiku u daħlet wara l-barrikati li kienu qed jipprekludu l-aċċess għan-nies bil-karozzi; (ii) sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, il-bandlor in kwistjoni tqaċċat b'riżultat ta` riħ qawwi u mhux b'xi nuqqas tas-soċjeta` konvenuta u għaldaqstant hija ma tistax tinzamm responsabbli għall-ħsara li ġrat b'forza maġġuri li għaliha ma kellha ebda tort jew kontroll; (iii) mingħajr preġudizzju wkoll, l-attriċi għandha ġġib prova tad-danni billi l-ammont mitlub huwa eċċessiv.

Sema' x-xiehda mressqa mill-partijiet.

Ra d-dokumenti ppreżentanti.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tagħhom.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta` assikurattiva attriċi qed tagħmel biex tirkupra mingħand l-għaqda konvenuta flejjes li hija ħallset lill-assikurata tagħha Carmela Axiaq, taħt polza *comprehensive*, in konnessjoni ma' ħsara li l-istess assikurata ġarrbet fil-vettura tagħha bin-numru ta` reġistrazzjoni GBL 301 lejlet Santa Marija 2016 filgħodu, meta waqgħet bandalora tal-festa fuq is-saqaf tal-istess vettura.

L-attriċi ressqet b'xhud tagħha lil **Peter Bonnici**,[1] *motor ċar surveyor* li eżamina l-vettura tal-assikurata Carmela Axiak wara l-inċident. Huwa ppreżenta kopja tas-*survey report*[2] u spjega li kien inkarigat mis-soċjeta` attriċi biex jara l-ħsarat fil-vettura mertu ta` din il-kawża. Skond ix-xhud, mill-vettura kien jidher li kien waqa' xi ħaġa fuqha tant li kellu jinbidel is-saqaf, parti-mir-reinforċement tiegħu, it-tapizzerija ta` ġewwa ta` taħt is-saqaf, u xi partijiet żgħar imwaħħla miegħu, filwaqt li kellu jissewwa fuq il-pilastru tax-xellug. Id-daqqa kienet turi li baqa' arblu fuq is-saqaf tal-karozza.

In kontroeżami, Bonnici qal li d-daqqa bl-arblu ma kkaġunatx ħames għafsiet fil-vettura, u t-tiswijiet li kopriet is-soċjeta` assikurattiva kienu jirrigwardjaw biss il-ħsarat li huwa sab b'konsegwenza tad-daqqa bl-arblu. Qal li s-saqaf ma tistax tibdel parti minnu biss, imma trid tibdlu kollu, u d-daqqa kienet tali li ma setgħetx tissewwa.

L-attriċi ppreżentat ukoll kopja tar-riċevuti tal-ħlasijiet magħmula biex saru t-tiswijiet meħtiega fuq il-vettura[3], flimkien ma' kopja ta` ittra uffiċjali interpellatorja datata 14 ta` Frar 2017[4] u tal-ittra uffiċjali responsiva tal-21 ta` Frar 2017[5].

Is-soċjeta` attriċi ressqet ukoll b'xhieda tagħha lill-uffiċjali tal-pulizija PS 1227 Malcolm Pace u PC 1083 David Ellul.

**PS 1227 Malcolm Pace** xehed li huwa stazzjonat fl-għassa taż-Żurrieq. Qal li l-jum tal-14 ta` Awissu hija lejliet il-festa fl-Imqabba, u dakinhar l-aċċess għall-pjazza jkun magħluq il-ġurnata kollha minħabba li jkun hemm l-armar fin-nofs. Dakinhar tas-sena 2016 ħadd ma ġibed l-attenzjoni tal-pulizija li filgħodu kien hemm xi vettura pparkjata fejn mhux suppost fl-Imqabba, u lanqas sar xi rapport dwar xi ħsara minn xi armar tal-festa lil xi vettura li kienet ipparkjata f'dak il-lok. Ix-xhud qal li din il-vettura ma raħiex minħabba li r-rapport sar fil-31 ta` Awissu 2016.[6]

---

[1] 20.2.2018
[2] Fol. 14 sa 15
[3] Fol. 18 sa 19
[4] Fol. 20 sa 21
[5] Fol. 22
[6] Ara xiehda u kopja rapport okkorrenza, 2.5.2018, fol. 26 sa 31

Ix-xhud speċifika li, fil-ġimgħa tal-festa fl-Imqabba, huwa jkun stazzjonat ġimgħa sħiħa fl-Imqabba. Meta sarlu r-rapport, kien bagħat għall-konvenut, u dan qallu li, bħala Segretarju tal-Każin, fit-8 ta` Lulju 2016 kien talab lill-Kunsill Lokali u lil Transport Malta biex tingħalaq it-triq prinċipali għal vetturi fil-ġimgħa tal-festa, liema talba kienet approvata, u l-aċċess kien magħluq bil-barrikati tal-Kunsill. F'okkażjonijiet bħal dawn, it-triq tingħalaq mill-ħamsa ta` wara nofsinhar 'il quddiem, billi jitneħħew il-karozzi li jkun hemm ipparkjati. Jiġi pubblikat ukoll avviż fil-gazzetti, u jekk jibqa' xi vettura ipparkjata, il-pulizija tkun tista` tneħħiha hi.

**PC 1083 David Ellul** xehed li kien huwa li rreġistra r-rapport li sar minn Carmela Axiak dwar din l-okkorrenza. Ir-rapport sar fil-31 ta` Awissu 2016. Lanqas hu ma ra l-vettura jew il-ħsarat li ġarrbet. L-informazzjoni ingħatat lilu mis-surġent Pace li kompla bl-investigazzjoni.[7]

Is-soċjeta` attriċi[8] ressqet ukoll b'xhud tagħha lir-rappreżentant tal-uffiċju meterjoloġiku, **Joseph Schiavone**, li spjega li fil-jum tal-14 ta` Awissu 2016 fl-Imqabba, bejn id-9am u nofsinhar, ir-riħ kien mid-direzzjoni tax-Xlokk, u laħaq l-ogħla saħħa tiegħu għall-ħabta tal-11am b'veloċita` ta` 11.6 *knots*. Din il-qawwa tar-riħ ix-xhud klassifikaha bħala riħ moderat, b'buffuri qawwijin li jikkalmaw malajr. Huwa ppreżenta wkoll dokument f'dan ir-rigward.[9]

Meta xehdet l-assikurata **Carmela Axiaq**[10], hija spjegat li għandha vettura tat-tip Toyota Aygo bin-numru ta` reġistrazzjoni GBL 301. Qalet li għandha diffikulta` biex timxi, u li s-soltu tmur tisma' l-quddies fil-knisja tal-Imqabba. F'lejlet Santa Marija tas-sena 2016, hija marret tisma' l-quddies tal-għaxra ta` filgħodu f'dik il-knisja. Bħas-soltu, marret ftit qabel u pparkjat eżatt quddiem id-dar tal-kappillan, minflok karozza oħra li kienet għadha kemm ħarġet. L-ispazji tal-parkegg mal-istess naħa tat-triq kienu kollha mimlija. Wara li kwarta jew għoxrin minuta li kienet ilha fil-knisja, ċemplilha s-surġent

[7] Ara xiehda, 2.5.2018, fol. 32 sa 33
[8] Ara xiehda, 5.6.2018, fol. 36 sa 37
[9] Dok. JS1, fol. 38
[10] Ara xiehda, 14.6.2018

u staqsieha jekk il-vettura kinetx tagħha, u qallha biex tmur tneħħiha għaliex kienet waqgħet bandiera fuqha, u biex tirranġa ma' tal-każin.

Axiaq kompliet tgħid li x'ħin marret ħdejn il-karozza, sabet lill-konvenut Carlo Sciberras u persuni oħra li urewħa l-bandiera li kienet waqgħet, u d-daqqiet li ħalliet fuq is-saqaf tal-karozza, u qalulha biex teħodha għand ġaraxx li jsewwi u tagħtihom l-ammont ta` spejjeż li kienet ser tinkorri biex tirranġa l-vettura. Qalulha wkoll li, jekk l-ispiża tkun żgħira, jħallsu huma mingħajr ma jdaħħlu l-kumpanija assikurattiva.

Axiaq żiedet tgħid li dawn l-uffiċjali tal-każin kienu staqsewha x'tip ta` koperatura assikurattiva kellha, u ħi dejjem kienet koperta b'mod sħiħ. Qalet li marret għand erba' ġaraxxijiet differenti – darba minnhom allegat li kien mar il-konvenut magħha – u kollha qalulha li kien hemm spiża sostanzjali minħabba li s-saqaf ried jinbidel, mal-€400 jew aktar. Qalulha li kien jaqblilha ddaħħal lill-kumpanija assikurattiva, u ħi kellmet lir-rappreżentant tagħha li dderiġieħa biex tmur tagħmel rapport lill-Pulizija. Qalet li kienu marru żewġ uffiċjali tal-pulizija jaraw is-saqaf tal-vettura, li mbagħad sewwietha għand Michael Debono Limited.

Carmela Axiaq ċaħdet li kien hemm xi sinjal fil-lok tal-inċident li kien jgħid li ma setgħetx tipparkja. Il-festa ssir in-naħa l-oħra tal-pjazza, u mhux fil-ħin li pparkjat hi imma filgħaxija.

In kontroeżami, Axiaq qalet li hi proprjamjent mill-Imqabba u li l-Imqabba tafha sew. Ikkonfermat li jkun hemm planċier armat għall-festa fil-pjazza, il-wisgħa kollha tat-triq, pero` ma kinetx taf tgħid jekk il-festa tinzammx fejn ipparkjat hija wkoll għaliex hija ma tattendix għall-festa. Hija kkoreġiet ruħha li l-konvenut ma kienx il-persuna li mar magħha għand it-tellar, imma ċertu Camilleri li qalulha li jiġi t-tifel tal-kuġin tagħha Felic Camilleri. Dan Camilleri pprova jgħinħa ssolvi din il-kwistjoni, pero` meta saru jafu bl-ispiża, ir-rappreżentanti tal-każin talbuha ddaħħal lill-kumpanija assikurattiva. Axiaq qalet li kienet ipparkjata quddiem il-każin tal-Ġilju, pero` man-naħa l-oħra tat-triq. Id-dar tal-kappillan, li quddiemha kienet ipparkjata, tmiss mal-knisja. Hija kkonfermat li kienet

ġejja minn Triq Santa Katerina, u daħlet fil-pjazza u pparkjat ma' naħa tagħha. Hija pero` ċaħdet li, kif tispiċċa Triq Santa Katerina, kien hemm xi barrikata li żżomm it-traffiku, anzi insistiet li l-karozzi kienu għaddejjin, filwaqt li l-barrikata kienet mal-ħajt. Qabilha daħlu karozzi oħra, u sakemm damet hemm, il-karozzi kienu għaddejjin. Fuq domanda tat-Tribunal, Axiaq ma kinetx taf tgħid jekk x'ħin ċemplilha s-surġent, u marret ħdejn il-vettura, kinux għadhom deħlin il-vetturi fil-pjazza.

Is-soċjeta` konvenuta pproduċiet b'xhud tagħha lil **Carlo Sciberras**,[11] li fiż-żmien in kwistjoni kien is-Segretarju tagħha. Huwa spjega li l-festa tiġi ċelebrata fil-15 ta` Awissu ta` kull sena. Xogħlu kien li, flimkien mal-Pulizija, jikkordina l-għeluq tat-toroq minn fejn jgħaddi l-marċ, u taċ-ċentru tar-raħal. Minn żmien qabel, jintalbu l-permessi mingħand l-entitatjiet u dawn il-permessi jinkludu l-awtorizzazzjoni biex jingħalqu t-toroq. Fit-8 ta` Lulju 2016 bagħat talba bil-kitba lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba għall-għeluq tat-toroq bejn 6 ta` Awissu 2016 u 16 ta` Awissu 2016 erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Huwa ppreżenta kopja ta` din l-ittra, u r-risposta relattiva.[12]

Il-konvenut iddikjara li, fiżikament, fl-14 ta` Awissu 2016, dawn it-toroq kienu magħluqa bil-barrikati tal-pulizija. Hu stess għen lill-pulizija fit-tqegħid tagħhom. Dakinhar kien hemm l-armar tal-festa u jkun hemm anke palk armat. Il-pjazza kienet ilha magħluqa għall-vetturi minn qabel dakinhar. Barra minn hekk, ħa ħsieb jagħmel verifiki dwar it-temp biex jiddeċiedi għandux għalfejn ineħħi armar jew jagħmel affarijiet oħra. F'dan il-każ, ma kellux għalfejn.

Il-konvenut xehed ukoll li, dakinhar, kien hemm buffuri ta` riħ qawwija li qatgħu l-antarjola li minnħa kien għaddej il-ħabel li kien qed iżomm il-bandalora mal-arblu. Qal li kien ġie nfurmat li din il-bandalora għamlet ħsara fuq vettura proprjeta` ta` Carmela Axiaq, għalkemm il-ħsara ma raħiex hu personalment. Fil-bidu, sid il-vettura kienet indikat li kellha mal-€400 spejjeż u l-każin kien lest iħallas, pero` meta rċieva s-*survey report* l-ispiża kienet ogħla.

---

[11] Ara xiehda, 11.7.2018
[12] Doki. CS1 u CS2

Mistoqsi kif il-vettura ta` Carmela Axiaq tħalliet fil-pjazza, il-konvenut qal li din daħlet kontra kull indikazzjoni li kien hemm fuq il-post. Anke t-trasport pubbliku kien qed jgħaddi minn rotta alternattiva.

In kontroeżami, Carlo Sciberras qal li l-barrikati tpoġġew fit-tarf ta` Triq Santa Katerina, ftit qabel l-Imqabba Central Pharmaċy. Qal li hemm rotot oħra biex tasal sal-knisja, pero` t-toroq l-oħra kienu kollha magħluqin ukoll. Huwa eskluda li l-aċċess minn Triq Santa Katerina kien miftuħ għaliex qal li kien ħu stess li poġġa l-barrikati. Meta niżel biex jara x'ġara, wara li kien avżat, ma sabx il-vettura ta` Carmela Axiaq, pero` sab il-bandalora bl-antarjola mqaċċta. Lejlet il-festa, il-pjazza tal-Imqabba tkun mimlija armar, għalkemm filgħodu ma jkun hemm ebda attivita`, u dan Carmela Axiaq kienet tafu għaliex hija mill-Imqabba. Huwa ċaħad li kienu deħlin il-karozzi fil-pjazza dakinhar tal-inċident, pero` żied li meta mar ħdejn il-barrikata, sabha mneħħija minn fejn kien poġġieha hu, u ċioe mressqa mal-ġenb b'mod li kien hemm miftuħ spazju biżżejjed biex tgħaddi karozza.

Sciberras spjega wkoll li l-bandalora kienet marbuta ma' arblu għoli xi ħamsa u għoxrin pied. Qal li l-pulizija tipprovdi l-barrikati, u mbagħad ħu kien iqiegħedhom biex jagħlaq it-toroq li jkunu awtorizzawh jagħlaq l-awtoritajiet. L-avviżi dwar rotot alternattivi jieħdu ħsiebhom il-Kunsill Lokali u l-uffiċjali tal-pulizija.

Ikkunsidra wkoll li:

Is-soċjeta` attriċi targumenta li l-ħsara li ġarrbet l-assikurata tagħha Carmela Axiaq, u li għaliha għamlet tajjeb taħt il-polza assikurattiva, jaħtu għaliha s-Soċjeta` Santa Marija, u l-Banda Gorg V tal-Imqabba, għaliex il-bandalora li waqgħet fuq il-vettura tal-assikurata, u li allura kkaġunatilha l-ħsarat, kienet tappartjeni lilhom. Is-soċjeta` Santa Marija u l-Banda Gorg V jiddefendu ruħhom kontra din il-pretensjoni fuq żewġ livelli – fl-ewwel lok, jirritjenu li r-responsabbilta` ċivili għall-akkadut għandha tiġi akkollata lil sid il-vettura billi din kienet prekluża milli tidħol bil-vettura tagħha, jew tipparkjaha, fil-pjazza tal-knisja ewlenija fl-Imqabba, lejlet il-festa ta` Santa Marija, meta

kien hemm sinjali u barrikati li kienu jindikaw lis-sewwieqa li d-dħul bil-vetturi kien projbit. Fit-tieni lok, il-konvenuti jinvokaw id-difiża tal-forza maġġuri in kwantu l-bandalora kienet marbuta tajjeb biżżejjed mal-arblu, imma l-irbit tqaċċat b'buffura qawwija ta` riħ.

It-Tribunal jinnota li Carmela Axiaq minnaħa, u l-uffiċjali tal-pulizija u l-konvenut Carlo Sciberras minnaħa 'l oħra, taw verżjonijiet kunfliġġenti tal-kundizzjoni u s-senjalitika għas-sewwieqa fi Triq Santa Katerina, fl-14 ta` Awissu 2016. Carmela Axiaq tinsisti li l-vettura kienu deħlin normali, u li fil-pjazza ewlenija kien hemm il-vetturi pparkjati, tant li ħi pparkjat flok vettura li kienet ipparkjata u telqet immedjatament qabilha. Minnaħa 'l oħra, is-surġent Malcolm Pace li kien responsabbli miż-żamma tal-ordni fiċ-ċentru tal-Imqabba fil-ġimgħa tal-festa ta` Santa Marija, jinsisti li kien preżenti fil-lok, u li lejliet il-festa l-pjazza tkun magħluqa għat-traffiku l-ġurnata kollha, u li ħadd ma ġibidlu l-attenzjoni dwar dak li ġara. Carlo Sciberras jgħid li kien hu personalment li poġġa l-barrikata fi Triq Santa Katerina, minn fejn il-vetturi solitament jidħlu għall-pjazza, biex jagħlaq l-aċċess, wara li kien ottjena permess jagħmel dan mingħand il-Kunsill Lokali. Jgħid ukoll pero` li, wara li qalulu b'dan l-inċident, sab li l-barrikata kienet imċaqilqa minn fejn kien ħallieha hu, b'mod li setgħet tidħol vettura għal ġol-pjazza.

Fil-liġi tagħna, ir-responsabbilta` delittwali hija reġolata kif ġej:

> **1031.** … kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
> **1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja.
> (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta` prudenza, ta` diliġenza jew ta` ħsieb fi grad akbar.

It-Tribunal, wara li qies sewwa dawn it-tlett verżjonijiet, jidhirlu li l-ewwel difiża tal-konvenut nomine kif impustata ma tistax tirnexxi. L-uffiċjal tal-pulizija, li qal li jkun stazzjonat fl-inħawi ġimgħa sħiħa fil-ġimgħa tal-festa, u ċertament kellu jkun hekk stazzjonat lejlietha fl-14 ta` Awissu 2016, semma li l-aċċess għall-pjazza solitament

jingħalaq il-ġurnata kollha dakinhar, pero` ma qalx ċar kienx magħluq f'dik il-ġurnata partikolari, anzi qal li lilu ħadd ma avżah bl-inċident. It-Tribunal jemmen li l-konvenut Carlo Sciberras verament kien poġġa l-barrikati biex għalaq l-aċċess, kif il-konvenuti ngħataw permess jagħmlu mill-awtoritajiet, fl-għodwa tal-14 ta` Awissu 2016, pero` l-istess awtoritajiet u l-konvenuti kien messhom ħadu ħsieb jissorveljaw li effettivament l-aċċess jibqa'magħluq, jew li jkun hemm senjaletika ċara u fissa li tindika ċar lis-sewwieqa, partikolarment dawk ġejjin minn barra r-raħal tal-Imqabba, li l-aċċess għall-vetturi sal-pjazza ewlenija kien projbit. Jekk il-barrikata kienet imneħħija minn fejn poġġieha r-rappreżentant tal-konvenuti, u allura s-sewwieqa ma kellhom ebda indikazzjoni li l-aċċess għall-pjazza kien magħluq, it-Tribunal ma jistax isib responsabbilta` fis-sewwieqa Carmela Axiaq, li hija persuna b'diffikulta` ta` mobilita`, li tibqa' dieħla fil-pjazza bil-karozza, sal-knisja, u tipparkjaha fil-viċinanzi tad-destinazzjoni tagħha. Il-konvenuti kellhom obbligu li jaraw, bl-assistenza tal-forżi tal-ordni u l-awtoritajiet kompetenti, li l-projbizzjoni ta` aċċess għall-vetturi tkun indikata b'mod ċar, inekwivoku u li jinftieħem, mis-sewwieqa kollha.

Konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine qed tiġi miċħuda.

It-Tribunal jidhirlu pero` li għandu josserva li anke sid il-vettura Carmela Axiaq, possibilment b'nuqqas ta` ħsieb, naqset mid-diliġenza u l-prudenza ordinarja meta pparkjat il-vettura tagħha eżatt ma' arblu li miegħu kien hemm marbuta bandalora tant kbira u tqila, f'ġurnata meta jirriżulta li r-riħ kien jinħass jonfoħ. F'dawn iċ-ċirkostanzi, hija setgħet faċilment antiċipat li, jekk tiżdied il-qawwa tar-riħ jew jiġri xi ħaġa lill-bandalora, din kienet ser taqa' - bil-piż kollu tagħha – fuq is-saqaf tal-karozza, u tagħmel ħsarat inġenti fiha.

It-Tribunal għalhekk iqis li kemm Carmela Axiaq u anke l-konvenut nomine naqsu mid-diliġenza, il-prudenza u l-attenzjoni mistennija minnhom f'din iċ-ċirkostanza, u għalhekk iġorru flimkien, u indaqs ir-responsabbilta` għall-akkadut.

Il-konvenut nomine jittenta jeħles mir-responsabbilta` li tispetta lilu bid-difiża legali tal-forza maġġuri, kif reġolata bl-**art. 1029** tal-**Kodiċi Ċivili** li jgħid hekk:

> **1029.** Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.

Irriżulta mill-provi li, fl-għodwa tal-14 ta` Awissu 2016, proprju fil-ħin li fih seħħ dan l-inċident, għamlet buffura jew buffuri ta` riħ, li fi kliem l-uffiċjal meterjoloġiku Joseph Schiavone, *'kienu kemmxejn qawwijin'* u dan minkejja li l-previżjoni tat-temp għal dak il-jum kienet li t-temp kien ser ikun sabih jew ftit imsaħħab, b'riħ ħafif għal varjabbli mix-xlokk. Mir-ritratt eżibit mill-konvenut nomine[13], jidher li l-antarjola u l-ħabel li kienu qed iżommu l-bandalora kienu f'saħħithom u f'kundizzjoni tajba, pero` l-artarjola tqaċċtet kompletament. Fuq bilanċ ta` probabiltajiet, wara li qies il-provi kollha mressqa quddiemu, u partikolarment wara li sema' l-verżjonijiet differenti tax-xhieda, it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li l-kaġun dirett u immedjat tal-ħsara sofferta minn Carmela Axiaq, u li għaliha għamlet tajjeb is-soċjeta` attriċi, kienu unikament il-buffura jew buffuri ta` riħ, li l-konvenut nomine ma kellu ebda twissija dwarhom, u li sid il-vettura Carmela Axiaq assumiet ir-riskju waħedha għalihom meta pparkjat il-vettura tagħha eżatt ma' arblu twil, li miegħu kien hemm marbuta bandalora kbira u tqila, esposta għar-riħ u l-elementi.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine u jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tiegħu fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmulqa, jilqa' t-tieni eċċezzjoni tiegħu, u konsegwentement jiċħad it-talba attriċi.

[13] Dok CS3

Minħabba fil-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**